MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 487/2004

**Jonathan Sant**

**vs**

**Bartholomeo sive Robbie Debono, Ronald Debono u R & R Waste Kleaners Limited – C24313**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-2 ta` Lulju, 2004, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

F`incident li sehh fit-22 ta` Lulju, 2002 fi Triq Censu Busuttil kantuniera ma` Triq Gizi, Fgura, l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu li b`konsegwenza taghhom tilef ix-xoghol u sofra debilita` permanenti li giet stabbilita mill-Konsulenti Medici Mr. Charles Grixti u Mr. Alex Attard, u dan wara illi l-vettura ossia *truck* tal-marka Seddon

Atkinson bin-numru ta` registrazzjoni HAS 665, misjuq mill-konvenut Ronald Debono, investit lill-istess attur; u

Dan l-incident sehh waqt il-hin tax-xoghol tal-attur u matul il-qadi tad-doveri tieghu; u

Ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huma unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom, minhabba li naqsu li jiehdu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni; u

Ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-22 ta` Lulju, 2002, waqt il-hin tax-xoghol, f`liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b`konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta` Periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha huma ecepew illi:

Fl-incident li sehh fit-22 ta` Lulju, 2002, Ronald Debono kien qieghed isuq il-vettura ossia truck tal-marka Seddon Atkinson bin-numru ta` registrazzjoni HAS 665;

Ronald Debono ghandu fil-pussess tieghu l-licenzji kollha rikjesti mill-ligi biex isuq l-imsemmija vettura, u dak in-nhar ta` l-incident hu kien qieghed isuq b`mod responsabbli fejn kien qieghed josserva r-regolamenti kollha tat-traffiku kif ukoll dak kollu li tirrikjedi l-ligi minn sewwieq ta` vettura ta` dak it-tip, u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda negligenza jew traskuragni minn naha ta` l-istess Ronald Debono;

Ghalkemm l-esponenti zgur jissimpatizaw ma` l-attur u jiddispjacihom bl-incident li gara, jiddikjaraw li l-incident li sehh huwa attribwibli unikament lill-attur minhabba n-negligenza grossolana tieghu kif ukoll in-nuqqas ta` tharis lejn is-sigurta` tieghu u tal-kollegi tieghu fejn dan naqqas li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll ta` persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li kien qieghed isir;

Bartholomew sive Robbie Debono ghandu polza ta` assikurazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni, fejn specifikament l-imsemmija vettura hija inxurjata ma` Gasan Mamo Insurance, u ghaldaqstant ir-responsabbilita` civili tieghu u ta` persuni ohra hija koperta bl-istess polza ta` assikurazzjoni;

L-esponenti ghamlu dak kollu li kienu obbligati jaghmlu fejn sar ukoll rapport lil kumpanija ta` assikurazzjoni, ossia Gasan Mamo Insurance dwar l-incident li sehh;

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur dahal jahdem mas-socjeta` R & R Waste Kleaners Limited f`Lulju tal-2002, u beda jahdem fuq *scammel* li tigbor iz-zibel fil-lokalita` tal-Fgura. L-*iscammel* kien jinsaq minn persuna ohra, waqt li l-attur kien jigbor iz-zibel u jitfghu fuq wara tal-*iscammel.* Huwa kien ilu jahdem dan ix-xoghol gimgha meta sehh l-incident.

L-incident sehh fit-22 ta` Lulju, 2002, u d-*driver* tal-*iscammel* li fuqu kien qed jahdem l-attur kien misjuq mill-konvenut Robbie Debono; mal-attur, biex jghinu fil-gbir taz-zibel, kien hemm certu Simon Woodhead. Ix-xoghol tal-gbir taz-zibel kien kwazi lest, u dan Simon Woodhead qal lill-attur li seta` jitla fil-gabina u jpoggi hdejn id-*driver*, peress li l-ftit boroz taz-zibel li kien fadal kien ser jigborohom hu.

L-attur iddeskriva l-incident b`dan il-mod:

*"It-truck dak il-hin kien wieqaf, u Robbie Debono dak il-hin kien fis-seat tad-driver. Jien tlajt got-truck u poggejt fuq it-tielet staffa, ezatt hdejn ix-xufier. Nispjega wkoll illi dawn it-tlett stafef, jigu mill-bieba l-gewwa, ezattament taht is-seat tax-xufier. Jien poggejt hemm sabiex nistrieh ftit sakemm ilesti siehbi, u kont bil-hsieb illi mbaghad x`hin jigi l-iehor, inqum u npoggi fis-seat li hemm wara d-driver.*

*Wara xi ftit tas-sekondi iddecidejt illi nqum sabiex niehu posti mill-ewwel fis-seat ta` wara. F`dak il-mument, is-sewwieq tat-truck qala` biex jibda jsuq. Jien inhsadt u peress illi t-truck qala` b`sahha, jien zbilancjajt ruhi. Peress illi l-bieba tat-truck kienet ghadha miftuha, jien spiccajt imdendel, u dan peress illi jien iggranfajt kif stajt maz-zewg hadidiet li jkun hemm fuq kull naha tal-bieba, u cioe` minnha 'l gewwa. Jien spiccajt imdendel minn idejja biss, u saqajja kienu 'l barra mill-gabina. Fil-fatt kienu jitkaxkru mal-art.*

*Nispjega illi preciz fejn tispicca l-gabina, hemm t-tyre ta` quddiem tal-iscammel. Peress illi f`dak il-mument kif semmejt kelli saqajja barra jitkaxkru mal-art, ir-rota l-*

*ewwel qabditli s-sieq tal-lemin. Nispjega illi jien kont liebes papocc; x`hin hassejt ir-rota fuq il-ponta tal-papocc jien gbidt minnufih saqajja tal-lemin. Dik il-papocca nqabdet mat-tyre. Jien meta rajt sieqi mar-rota qbadt nghajjat u kif semmejt gbidt sieqi. F`dak il-hin is-sewwieq tat-truck qabad jikser ghal fuqi, u qabadli s-sieq ix-xellugija, u baqa` tiela ghal fuqi. Dan donnu ma ta` kaz ta` xejn, ghalkemm dan kollu gara f`temp ta` ftit sekondi.*

*Meta s-sewwieq tat-truck sema` l-ghajjat tal-haddiem l-iehor li kien mieghi, hu waqaf ghalkollox biex jara x`kien gara”*.

L-attur, li jallega li sofra dizabilita` permanenti b`rizultat ta` dan l-incident, qed ifittex ghad-danni kemm minghand id-driver tal-*iscammel*, kif ukoll minghand l-*employer* tieghu, d-ditta R & R Waste Kleaners Ltd.

Ghar-rigward tal-*employer*, il-Qorti tinnota li din naqset meta (i) impjegat lill-attur minghajr ma taghtu ebda tahrig; (2) ma ipprovdietx lill-attur b`safety shoes, u (3) ippermettiet li jinsaq l-*iscammel* minn persuna li ma kellhiex licenzja specjali biex isuq dik il-vettura.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet tesprimi l-veduta li hu obbligu ta` kull *employer* li meta jimpjega persuna gdida, ghandu jipprovdi tahrig lill-istess impjegat. L-attur kellu biss 16-il sena meta beda jahdem mas-socjeta` konvenuta, u jidher li dan kien l-ewwel xoghol tieghu. L-*employer* mill-ewwel tefghu fuq il-lant tax-xoghol minghajr ma tah ebda istruzzjoni. Veru li x-xoghol in kwistjoni mhux wiehed impenjattiv, pero`, xoghol li jirrikjedi certu attenzjoni, u l-attur kellu jinghata tahrig dwar kif jahdem *scammel* u l-operat tieghu.

Apparti dan, l-*employer* jidher li ma fornix lill-attur la b`*safety shoes* u lanqas b`ingwanti. Il-produzzjoni ta` *safety equipment* lill-haddiema hija obbligu ta` min ihaddem, u l-*employer* ma kellux ihalli lill-attur jahdem b`semplici papocc u minghajr protezzjoni ta` xejn. Kif gie osservat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza <u>“Il-Pulizija vs Attard”</u>, deciza fit-2 ta`

Settembru, 1999, *employer* ghandu mhux biss jara li jkun hemm *available* apparat ta` *safety*, izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta` *safety equipment*, u jara li din l-ordni tigi segwita.

L-*employer* ma jistax jghid li ma jkunx komdu ghall-haddiem li jilbes *safety clothes* jew li l-haddiem ma riedx jilbishom, izda ghandu jipprovdihom, u jinsisti u jara li jintlibsu. Hu l-obbligu ta` min ihaddem li jhares is-sahha u l-inkolumita` tal-haddiema tieghu, u peress li, kif inhu xjentifikament pruvat, il-haddiem ghandu t-tendenza li jsir traskurat fl-esekuzzjoni tal-hidma tieghu, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Schembri vs Caruana", deciza fit-12 ta` Jannar, 1983, *"after all, employees tend to get careless about risks involved in their daily work, and the employer must take this fact into account"*. (ara wkoll "Grech vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994).

Barra minn dan, il-Qorti taccetta l-versjoni tal-attur, li s-sewwieq tal-*iscammel* dak inhar tal-incident kien il-konvenut Robbie Debono, u mhux Ronald Debono kif qed jallegaw il-konvenuti. Ic-cirkustanzi kif jispjeghom l-attur huma verosimili, u l-Qorti m`ghandhiex ghalfejn tiddubita l-istqarrija tieghu. L-*iscammel* in kwistjoni huwa a 14-ton truck, u biex wiehed ikun jista` jsuqu irid ikollu licenzja specjali, cioe`, li tippermettilu isuq vetturi kbar inkluzi f`kategorija C. Jirrizulta li Ronald Debono ghandu din il-licenzja, pero`, missieru Robbie Debono m`ghandux. Mal-Pulizija, Robbie Debono qal li ma kienx hu li kien qed isuq it-truck, pero`, kien qed jghin fl-igbir taz-zibel flimkien mal-attur u Simon Woodhead, waqt li ibnu Ronald kien qed isuq il-vettura. Din hi stqarrija li hi assolutament inveritiera, specjalment meta tqies li aktar minn tnejn ma *scammel* qatt ma jkun hemm, u d-diretturi tal-kumpanija, Robbie u Ronald, qatt ma jinhlew fuq l-istess vettura, izda jinqassmu billi jiehdu *scammel* kull wiehed.

Ezaminat id-dinamika tal-incident, il-Qorti tara li l-attur m`ghandux htija ghal dak li gara. Is-sewwieq tat-truck beda jsuq il-vettura meta passiggier, l-attur, ma kienx bil-qieghda f`postu, u meta l-bieba tal-istess kienet ghada

miftuha. Meta d-*driver* qala` biex jibda jsuq, it-truck ha skoss, u l-attur zbilancja ruhu u spicca imtajjar mit-truck u imdendel mal-bieba l-miftuha tat-truck. Id-*driver* donnu ma indunax x`kien qed jigri, tant li baqa` jsuq u tela` fuq saqajn tal-lemin tal-attur. Id-*driver* jidher li kien dizattent ghall-ahhar, ghax nonstante li l-attur beda jghajjat, hu baqa` jsuq, kiser il-vettura ghall-fuq l-attur u qabadlu siequ x-xellugija. Kien biss meta beda jghajjat Simon Woodhead, dak li kien mal-attur fuq il-lant tax-xoghol, li d-*driver* tat-*truck* waqaf. Fil-fehma tal-Qorti, dan id-*driver* wera traskuragini u non-kuranza assoluta fis-sewqan tieghu, u l-incident innifsu sehh b`rizultat ta` din in-negligenza.

Il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, issib lill-*employer* tal-attur responsabbli wkoll ghall-incident, u fit-termini tal-artikolu 1050 tal-Kodici Civili issib lill-konvenuti Bartholomeo sive Robbie Debono u s-socjeta` R & R Waste Kleaners Ltd responsabbli in solidum ghall-incident u ghad-danni li garrab l-attur.

B`rizultat ta` dan l-incident, l-attur sofra diversi hsarat personali u anke debilita` personali. Bhala *damnum emergens*, l-attur ressaq lista ta` spejjez li ghamel li jlahqu total ta` Lm236. Il-Qorti ezaminat l-ircevuti relattivi u taqbel li l-ispejjez huma gustifikati u ghandhom jinghataw lura lill-attur peress li huma spejjez inkorsi minnu bhala rizultat tal-griehi li garrab konsegwenza tal-incident in kwistjoni.

Ghall-kalkolu ta` *lucrum cessans*, jirrizulta li l-attur kellu 16-il sena meta sehh l-incident. Hu kellu l-paga minima li kienet taghtih is-somma ta` Lm2,800 fis-sena. L-attur sofra griehi kbar minhabba l-incident: kellu problemi ortopedici, problemi urologici, fil-vini u, aktar serji, fit-testikoli, fejn baqa` bi *scars* permanenti u bit-tnaqqis fil-potenza tieghu. Dawn tal-ahhar ma jolqtux direttament il-kapacita` tieghu ghax-xoghol pero`, jaffettwa zgur l-istat psikologiku tieghu u, allura, il-hila u l-kapacita` tieghu li jimpenja ruhu f`xogholu. Il-problemi li qed jiffaccja l-attur gew stmati minn diversi tobba esperti fil-materja, u l-percentagg ta` dizabilita` li kull wiehed minnhom

attribwixxa lill-attur huwa ta` 15% minn Mr. Charles Grixti ghall-problemi ortopedici, 30% minn Mr. Alex Attard ghall-problemi *"from the vascular point of view"*, 25% minn Dr. Karl German ghall-problemi urologici, u 14% minn Dr. Francis Darmanin, *plastic surgeon* minhabba l-*iscars* li baqa` jkollu fit-testikoli; l-ahhar zewg rapporti huma, ftit jew wisq, *overlapping* peress li jirreferu ghall-griehi fl-istess parti tal-gisem.

Il-Qorti tibda` biex tinnota, fl-ewwel lok, li hi ma taqbilx mat-tezi attrici li l-varji percantaggi ta` dizabilita` ghandhom jigu maghduda. F`kazijiet bhal dawn, ghandu jigi adoperat dak maghruf bhala *"weighted average"*. Meta wiehed jikkomputa d-dizabilita` totali din trid tigi konsidrata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li multiplicita` ta` feriti jigu komputati komplessivament. F`kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta` l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali. Dan qed jinghad fid-dawl ta` dak li osservat din il-Qorti fil-kawza "Caruana vs Camilleri", deciza fil-5 ta` Ottubru, 1993, fis-sens illi *"dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta` nkapacita` f`sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat"*.

Ghal kull buon fini, kif spjegat fid-decizjoni "Dalmas vs Ghigo et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta` Frar, 1980, *"fil-fatt li sa issa ghadha mpjegata bhal qabel ma ghandux inaqqas mid-dritt taghha ghal kumpens ghalhiex il-menomazzjoni li ghandha ghad tfixkilha fl-impieg taghha u ma tista` qatt ikun au pair ma` impjegati ohra fl-istess kategorija. Din il-menomazzjoni tincidi b`mod rilevanti fuq il-patrimonju taghha"*. Gie infatti osservat ukoll illi *"d-dizabilita` timplika nuqqas ta` opportunitajiet ta` xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta` ghazla huwa ta` zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta` opportunitajiet ta` qliegh ahjar f`xoghol addattat ghal min m`ghandux dizabilita` fizika"* – "Gatt vs Carbone noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Lulju, 1998.

Fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, u wara li l-Qorti qieset ir-rapporti medici, u l-effetti li, b`mod prattiku, u psikologiku, il-hsarat jista` ikollhom fuq il-hajja lavorattiva tal-attur, tasal biex tadotta dizabilita` permanenti ta` 35%.

Fil-kalkolu tal-*multiplier*, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni, mhux il-*life expectancy* tal-vittma, izda l-hajja lavorattiva tieghu, in-natura u s-sahha tieghu – li tista` tvarja minn bniedem ghal bniedem minhabba dawk ic-cirkustanzi, li jissejhu *the chances and changes of life*. Il-*multiplier* m`ghandux, fi kliem iehor, ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat, izda fuq l-aspettativa lavorattiva tieghu u ghandu jiehu in konsiderazzjoni tac-*chances and changes of life* – "Butler vs Heard", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta` Dicembru, 1967 (ara wkoll "Agius vs Fenech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta` Ottubru, 2003). Il-Qorti tqies li ghandha tadotta *multiplier* ta` 40.

Ghar-rigward tal-qliegh tal-attur, ma jirrizultax li l-attur ghandu livell gholi ta` edukazzjoni, u, ghalhekk, mhux probabbli li jkollu xi avvanzi spettakolari fil-karriera tieghu. Mehud, pero`, il-possibilitajiet li kellu l-attur li jsir xoghol ahjar, u li, f`kull kaz, il-paga minima dejjem tghola, il-Qorti tqies li ghandha timxi fuq dhul annwali ta` Lm3,400, mil-liema somma m`ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba hlasijiet ta` Income Tax (ara "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Jannar, 1972), u lanqas minhabba hlasijiet ta` P.A.Y.E. jew ta` kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta` Novembru, 1983).

B`hekk, il-kumpens dovut lill-attur ghandu jinhadem hekk:

Lm3,400 x 40 x 35% = Lm47,600

Peress li dan l-incident sehh fis-sena 2002, u l-kumpens se jinghata f`somma wahda u f`daqqa, ghandu jsir tnaqqis ta` 12% minhabba *lump sum payment.* B`hekk, il-kumpens dovut bhala *lucrum cessans* hu ta` Lm41,888.

B`kollox, allura, dak li jrid jinghata lill-attur jammonta ghal Lm42,124.

Ghalkemm il-konvenut Ronald Debono se jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhux hu kien qed isuq il-vettura in kwistjoni dak inhar tal-incident, l-ispejjez relattivi m`ghandhomx ibghattihom l-attur, peress li kien minhabba l-agir tal-konvenuti li hu gie indott fi zball li jharrek lilu wkoll.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, fl-ewwel lok, tillibera lill-konvenut Ronald Debono mill-osservanza tal-gudizzju, u billi, fit-tieni lok, tilqa` t-talbiet tal-attur fil-konfront taz-zewg konvenuti l-ohra, u tiddikjara lill-konvenuti Bartholomeo sive Robbie Debono u lis-socjeta` R & R Waste Kleaners Limited responsabbli in solidum ghall-incident li sehh fit-22 ta` Lulju, 2002, li fih wegga` l-attur, u tikkundanna lill-istess zewg konvenuti sabiex in solidum ihallsu lill-attur, in linea ta` danni, s-somma ta` Lm42,124 (tnejn u erbghin elf, mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin), bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut Bartholomeo sive Robbie Debono u R & R Waste Kleaners Ltd in solidum.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------